MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 111/2003

**Anthony Said**

**vs**

**Kunsill Lokali Kercem**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-esponenti kien dahal f'kuntratt ta' xoghol mal-Kunsill Lokali ta' Kercem rigward is-servizz ta' tindif ta' l-iskart fl-istess lokalita'.

Illi l-kuntratt rispettiv jispecifika carament li l-hlas dovut lill-esponenti jigi effetwat minn xahar ghal xahar, u mhux aktar tard mill-ahhar tax-xahar illi fih huwa jkun irrenda is-servizz.

Illi ghalkemm l-esponenti interpella l-konvenut diversi drabi permezz ta' ittri bonarji u ufficjali biex ihallas l-

ammont ta’ seba’ mija u sitta u erbghin lira maltija (Lm746) dovuti lilu bhala hlas tax-xoghol li wettaq versu l-lokalita’ ta’ Kercem, baqa ma thallasx u sahansitra l-konvenut qabbad kuntrattur iehor biex jippresta s-servizz li kien miftiehem li jirrendih l-esponenti.

Ghaldaqstant, dana t-Tribunal qieghed jigi mitlub jiddikjara li l-konvenut kiser l-obbligi tieghu kuntrattwali u eventwalment jikkundannah ihallas lill-esponenti l-ammont dovut lilu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 5 ta’ Awissu 2003 u 12 ta’ Awissu 2003; u tal-ittra ufficjali ta’ Awissu 2003.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti imsejjah.”

Ra r-risposta:

“Il-Kunsill qed jikkontesta t-talba.

l-attur m’ghandux jithallas minhabba inadempjenza.”

Ra l-affidavits ipprezentati mill-attur;

Ra li l-Kunsill konvenut ma pprezentax il-provi tieghu bil-mezz tal-affidavits kif  ordnat fis-seduta tat-22 t’Ottubru 2003 u  la l-ufficcjali tieghu u lanqas l-avukat tieghu ma dehru ghas-seduti sussegwenti li nzammu fil-5 ta’ Novembru 2003; fit-12 ta’ Novembru 2003 u dik tal-lum;

Ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tal-attur  ipprezentata fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2003 sabiex il-Kunsill konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702  Kap 12 );

Billi l-konvenut naqas u ma deherx lanqas fis-seduta tal-lum  u dan minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-Kunsill konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallsu s-somma ta' LM746 bilanc dovut ghal servizz ta' tindif kif indikat fl-avviz tat-talba; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorji tal-05.08.2003 u 12.08.2003 u tal-ittra ufficcjali t'Awwissu 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------